# IL-BIDWI

**FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA**

EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

138 FRAR, 1951. No. 138


# ŻJARA RJALI FL-GĦAMMIERI

**NHAR it-Tlieta, 31 ta' Jannar, 1951, l-Għammieri kellu żjara Rjali. L-Altezza Rjali Tagħha l-Prinċipessa Elizabeth daret il-Qasam tal-Gvern u wriet interess mill-akbar f'dak kollu li ġiet murija. Il-Prinċipessa ġiet milqugħa minn Dr. Carm. Caruana, B.A., LL.D., M.L.A., il-Ministru ta' l-Industrja u Kummerċ; mis-Sur Robert Biasini, Direttur tal-Biedja; mis-Sur S.J. Zammit, Suprintendent tal-Qasam u minn Dr. A. Cassar, it-Tabib Prinċipali tal-Biċċerija. Flimkien mal-Ministru ta' l-Industrja u Kummerċ kien hemm is-Sinjura tiegħu.**

**Il-Prinċipessa ġiet murija l-postijiet li fihom jinżammu l-majjali u l-indafa ta' l-annimali u tal-post kienet ħaġa li tolqot l-għajn. Dawn il-majjali huma mrobbija fuq is-sistemi l-aktar moderni u l-għalf tagħhom jikkonsisti f'taħlita bis-sengħa li ssemmen aktar lil dawn l-annimali u żżommhom wisq aktar b'saħħithom minn majjali oħra li jitrabbew minn xi bdiewa li ma jħabblux rashom dwar il-metodi moderni tat-trobbija li sabet ix-xjenza. Fil-qrib kienu jidhru 'l fuq minn tmien mitt majjal qegħdin jimirħu fil-beraħ f'egħlieqi li jitħallew apposta għall-majjali.**

Il-Prinċipessa wriet interess kbir jn hemm magħluq li q... biex ı għadd ta' fniek jitħallew jikbru jgħammru salvaġġi. Kien ta' in-ress li tara dawn il-fniek jaqbżu u ġġerrew 'l hawn u 'l hemm bħal eta jkunu jgħixu skond a ħalqithom in-natura. 'ara ż-żjara lil dawk il-iek selvaġġi l-Prinċipes- ġiet murija l-kuntrast għhom fil-fniek l-oħra ' razza Flemish Giants, huma mrobbija bl-akbar ıra f'kaxex speċjali, li andhom il-bejta 'l barra ill-kaxxa li tista' tiġi ezzjonata f'kull waqt. 'it-taqsima tat-tiġieġ kie- ı jidhru għadd kbir mill- jar razez li qegħdin jit- bbew b'esperiment biex nnhom jingħażlu l-aħjar zez għall-pajjiż. Ftit 'il għod minn dawn it-ti- ġ kien hemm jiġġerrew add ta' dundjani żgħar kienu għadhom kemm qsu u li ħarġu ma' om- ıom jimirħu fix-xemx.

Wara dan il-Prinċipessa ġiet mu- ı gidien minn mogħoż ta' Malta, nisslin mir-razza Saanen li dawn nu f'għalqa għalihom ftit 'l bo-għod minn għelieqi għammiela fejn isiru l-esperimenti tal-prodotti u l-ħxejjex. Il-prodotti kienu fl-aqwa tagħhom u l-għelieqi kienu mnoqqija minn kull ħaxix ħażin.

Fil-Qasam tal-baqar kienu jidhru t-tliet razez illi l-Gvern kien ġieb bl-ajru mill-Ingilterra biex bihom itejjeb in-nisel tal-baqar lokali. Ftit hemm x'wieħed jagħmel differenza bejn dawn it-tliet razez, il-għaliex kollha jinsabu ġejjin 'il quddiem u jidhru li addattaw ruħhom tajjeb għall-klima tagħna billi jinsabu kollha f'saħħithom u kollha jagħtu produzzjoni soddisfaċenti ta' ħalib. Il-gniedes li hemm minn dawn ir-razez huma fuq tagħhom u ta' saħħa kbira.



**L-Altezza Tagħha l-Prinċipessa Elizabeth tidher ħierġa mill-'Bungalow' tal-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri.**

Fl-aħħar il-Prinċipessa ġiet murija l-għelieqi bix-xtieli tal-ħwawar li kienu qegħdin jimlew l-arja bir-rieħa ħelwa tagħhom u li tant għoġbu lill-Prinċipessa Elizabeth.

Wara li ntemmet iż-żjara lill-Qasam sar trattteniment żgħir fil-''Bungalow'' li kien ġie mibni mill-emigranti qabel ma marru l-Awstralja. Dr. C. Caruana, il-Ministru ta' l-Industrja u Kummerċ, għamel diskors żgħir ta' merħba u ta' xewqat tajba lill-Altezza Rjali Tagħha fil-waqt li ppreżentalha tifkira żgħira ta' dik iż-żjara li hija għamlet, li kienet tikkonsisti f'nofs tużżana vażetti bil-għasel pur ta' Malta, prodott ta' l-istess Dipartiment tal-Biedja min-naħal li jinżamm fil-Buskett. Dawn il-vażetti tal-għasel kienu ġo kaxxa tal-kawba, imżejna bis-Salib ta' Malta, li ġiet maħduma mis-Sur Felic Vella, il-Mastudaxxa illi hemm fl-Għammieri.

Wara li ntemmet iż-żjara f'dan il-Qasam tal-Gvern, il-Prinċipessa ffirmat il-''Visitors' Book'' u telqet ħienja b'dak kollu li rat fl-Għammieri.

